MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 9/2002/1

**Saviour Sciberras**

**vs**

**Victor u Carmel ahwa Cordina u Joseph Cordina**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Jannar, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur iddikjara li huwa l-inkwilin ta' tmien porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Il-Wilga ta' Xaman" jew "il-Wilga ta' Berin" fil-Wied ta' Marsalforn, limiti Xaghra, Ghawdex liema porzjonijiet jinsabu murija fil-pjanta annessa bhala Dokument A u deskritti fl-anness

dokument B. Konsegwentement ghalhekk tiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhom ebda dritt fil-ligi sabiex jokkupaw l-istess art jew jiddisturbaw lill-attur fit-tgawdija tal-jeddijiet tieghu.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-valur lokatizzju ta' din l-art huwa ta' inqas minn hamsin lira Maltija (Lm50).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' Inibizzjoni bin-numru 25/2002 u 26/2002.

Il-konvenuti mharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Victor Cordina et fejn ecepixxa:

1. l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti li tiddeciedi dana l-kaz a tenur ta' l-Artikolu 47 u 48 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. illi fi-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-attur qieghed jokkupa l-istess raba' minghajr ebda titolu validu fil-ligi, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess avviz.

Rat is-sentenza taghha deciza illum fl-avviz numru 41/2001.

Ezaminat ix-xhieda kollha kemm dawk inseriti f'dan il-process u kemm dawk inseriti fl-avviz 41/2001 u citazzjoni numru 71/2002.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta' dan l-avviz gie trattat fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija illum stess fl-Avviz numru 41/2001.

Fl-avviz odjern l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li huwa l-inkwilin ta’ tmien porzjonijiet ta’ art maghrufa bhala “il-Wilga’ ta’ Xaman” jew “il-Wilga ta’ Berin” fil-Wied ta’ Marsalforn limiti Xaghra, Ghawdex.

Illi l-Qorti qeghdha zzomm ferm mas-sentenza taghha fl-Avviz fuq riferit u a skans ta’ ripetizzjoni inutili qeghdha tirreferi u tadotta dik l-istess sentenza.

Ghaldaqstant qeghdha tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi:

Tilqa’ limitatament it-talba ta’ l-attur safejn jirreferu ghall-erbat itmiem raba ossija dawk murija b’kulur ahdar fuq il-pjanta folio 200 fl-atti tac-citazzjoni 71/2002 u tichadha fil-kumplament.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Similment bhal fil-kaz tas-sentenza fil-kawza “Carmel Cordina *et* -vs- Saviour Sciberras” (Avviz. Nru. 41/01), deciza kontestwalment, il-kontendenti f’ din l-istanza appellaw mis-sentenza moghtija bl-identiku appell tal-kaz l-iehor;

Ikun ezercizzju futili li din il-Qorti toqghod terga’ hawn tirrepeti l-konsiderazzjonijiet zvolti fl-appell l-iehor u hi tal-fehma li tibbasta s-semplici riferenza ghalihom.

Ghall-istess motivi dedotti fis-sentenza fil-kaz fl-ismijiet inversi bejn il-partijiet (Avviz Nru. 41/01) din il-Qorti qed tichad l-appelli devoluti lilha fil-kapi taghhom rispettivi. Kull parti tbati l-ispejjez proprji ta’ l-appell ipprezentat minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------